MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 30

14 ta' Lulju 2021

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
John P.Bonnici – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.15pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sur Giorgio Mario Schembri, is-Sur John Bonnici, is-Sur Victor Galea u s-Sur Alex Mangion.

## 30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

30.1.1 Is-Sindku qal li kien hemm ittri t'apoloġiji mingħand is-Sinjuri John Bonnici, Victor Galea u Alex Mangion. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Bonniċi skuża ruħu għall-laqgħa Nru. 28 minħabba li kellu xi ħsara teknika u ma setax jaqbad. Is-Sur Cordina qal li la ma kellux ittra t'apoloġija jrid jibqa' assenti.

## 30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

30.2.1 Is-Sur Cordina qal li fir-rigward tal-Minuti xtaq li jiċċara u jiġi miżjud li meta tgħid li mill-fondi tar-Reġjun ħa jibbenefikaw l-għaqdiet jispeċifika li dawn se jkunu ż-żewġ każini tal-baned biss. Il-Minuti ġew approvati.

## 30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

30.3.1 *Skema tar-Reġjun - Kultura*

Is-Sur Cordina qal li kif qal preċedentament fuq l-iskema tal-fondi tal-kultura għall-għaqdiet, il-Kappillan kien l-ewwel wieħed li preżenta l-irċevuti fiskali tar-restawr tal-Via Sagra li jammontaw għall-€2000 u għadaqstant dawn ħa jgħaddu għand ir-Reġjun għar-rimbors.

30.3.2 *Talba sabiex jingħata servizz ta' Gwardjani Lokali*

Is-Sur Stefan Cordina qal li rċieva talba bħas-soltu sabiex waqt it-tlugħ tan-nar fil-15 ta' Awwissu il-Kunsill jgħin bil-preżenza tal-Gwardjani Lokali fi Triq Ħaż-Żebbuġ. Hu qal li din it-talba hi bħal ta' snin ta' qabel u dawn jiġu assorbiti mill-Kunsill. Kulħadd qabel.

30.3.3 *Kompjuters ġodda*

Is-Sur Cordina qal fl-iskeda tal-pagamenti nru. 45 kienu ha jsibu spiża sostanzjali għall-ammont ta' €1363.91 minħabba li wara ġimgħa sħiħa jikkumbattu biex jiġu *formatted* il-pc's kollha, 2 minnhom (tas-Sinjura Fsadni u Mifsud) it-tnejn li huma branded Dell ma setgħux isiru bl-ebda mod għax ma kienux kompatibbli. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

30.4.1 Connie Scerri

- Saqsiet fuq dik il-persuna mill-Animal Welfare li għandha tiġi assenjata mal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-applikazzjoni għadha qed tiġi evalwata.
- Saqsiet fuq id-donazzjoni ta' fjuri lejn il-Parroċċa sabiex hi żżejjen il-kanċell għal żmien il-festa ta' Santa Marija. Is-Sur Cordina qal li sakemm il-ħlas isir li min jissupplixxi l-fjuri hu m'għandux oġġezzjoni. L-Avukat Caruana qalet li la hija xi ħaġa ġa stabbilita jsir bħal ma kien isir qabel.

## 30.5 Rapporti

30.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 30.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

30.6.1 ***Uffiċċini ġodda*** L-Avukat Caruana, waħda mill-Evalwaturi ta' dan it-tender talbet biex jingħata rendikont lill-Kunsill fejn waslu fl-evalwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fir-rigward tal-Evalwazzjoni tal-Uffiċċini imxew pass oltre u hi u l-Evalwatur l-ieħor raw pass pass x'dokumentazzjoni kien hemm neqsin mill-Literature List u intalbu xi kjarifiki *online* tipo tal-*elevator* għal min ma kienx għadu ssottomettihom*,* il-warrants, Key Experts Forms *etc.* Kull *bidder* ingħata 5 t'ijiem ċans sa nhar it-Tnejn biex jissottomettu kollox. It-Tlieta iltaqgħu u raw x'daħal u lestew kollox u għalhekk talbet sabiex meta jkunu komdi l-Avukat Caruana u s-Sur Bartolo jkomplu biex jikkonkludu l-evalwazzjoni. Is-Sur Cordina qal li jrid jara l-Perit ukoll, imma s-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit ġa ċcertifika l-BOQ's u qal li huma *compliant* u li dawk li sottomettew l-ispecifikazzjonijiet tal-lift wara t-tieni *clarification* biex kien jonqos. Ħa tiġi ċċirkulata e-mail fuq id-data tal-Erbgħa ta' wara kmieni filgħodu.

## 30.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

30.7.1 L-Avukat Caruana qalet li la hemm il-ħin wieħed forsi jispjega x-xogħol extra li sar fl-iskeda tal-pagamenti. Is-Sur Cordina qal li la ħa jitkellmu fuq xogħolijiet extra, jista' wkoll jitkellem fuq spiża extra li l-Kunsill kellu jeħel minħabba l-għeluq ta' toroq konnessi max-xogħol fuq is-Central Link imma li rranġa ma' Infrastructure Malta biex dawn l-ispejjeż jiġu assorbiti minnhom. Biex inkunu in regola intalbet kwotazzjoni mill-kuntrattur li ġiet aċċettata minn Infrastructure Malta. L-Avukat Caruana talbet spjega wkoll tas-somma konsiderevoli mħallsa lill-Architecture XV. Is-Sinjura Mifsud qalet li dawn l-ispejjeż kienu kollha jduru mat-tibdil tal-pjanti li saru mill-ġdid wara laqgħa li saret sabiex l-istruttura tkun viċin dik oriġinali kif mixtieq. Kellhom jiċċaqalqu pajpijjiet, l-ogħli tas-soqfa u ħafna affarijiet oħra li ġew affettwati mill-fatt li l-binja kienet ġejja iktar mudlama minn qabel allura riedu jiżdiedu affarijiet *energy efficient* u *low consuming* bħalha post. Hi qalet li bħalissa qegħdin at *tendering stage* u għalhekk sar il-ħlas u din se tagħlaq fis-6 ta' Awwissu. Is-Sur Cordina qal li l-extra works kienu jikkonsistu ħasil ta' sqaqin, żbir ta' siġar tat-tut fi Ġnien Ħal Warda u ħasil tal-istess ġnien, żbir ta' siġar quddiem Scotts, żejt fi Triq il-Mosta, mili ta' funtana u tisqija tas-siġar tal-Embankment. Il-pagament ġew approvati.

## 30.8 Mozzjonijiet; u

30.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 30.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

30.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.42pm u ġiet aġġornata għat-12 ta' Awwissu 2021 fis-5.30pm u sussegwentament bi qbil għall-18 ta' Awwissu 2021.

Konfermati, illum 18 ta' Awwissu 2021.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv